MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Numru 239/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Abraham Zammit)**

**Vs**

George Grech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat George Grech ta’ karta ta’ identita’ numru 641860(M), akkuzat talli:

Fil-21/12/2003 ghall-habta tat-8:00 p.m. gewwa l-fond 87, ‘Triq il-Gdida, Paola, minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja f’periklu car, sawwat u darab lil Joseph Grech u kkagunalu feriti ta’ natura gravi skond kif iccertifikha Dr. M. Mizzi mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid.

Rat it-talba sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Mill-provi mismugha jirrisulta illi l-feriti m’ghandhomx jigu klasifikati bhala gravi izda ta’ natura hafifa stante illi ma jaqawx taht l-klassifikazzjoni ta’ feriti gravi ghab-bazi tal-Artikolu 216 u 218 tal-Kap 9.

Mill-kumplament huwa fatt li l-feriti fuq il-persuna tal-kwerelant gew ikkawzati lilu mill-imputat u mhux accidentalment izda n-konsegwenza ta’ aggressjoni.

Din il-Qorti pero’ hi tal-fehma li, trattandosi ta’ glieda bejn ahwa konsidrat illi l-posizzjoni illum hi li bejnithom ir-relazzjoni giet ghan-normal u l-imputat qieghed jghix ghar-rasu, ma tahsibx li ghandha tkun iebsa fil-piena.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tiddecidi li tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat f’perjodu ta’ xahar mill-lum bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------